fl-Ingilterra u tiddeskrivi l-ħajja ta' l-aqwa persunaġġi f'raħal ċkejken; fih episodji karatteristiċi u oħrajn li għandhom xejra Dickensjana e.g. dik il-festa fid-dar kbira ta' l-*Esquire* tal-post, nhar il-Milied.

Is-siwi tal-ktieb hu d-deskrizzjoni metikuluża ta' nies u drawwiet li wieħed isib tqal wisq biex jaqlibhom f'ilsien ieħor, iżda Patri Dijonisju wera għaqal u deħen u sengħa mhux ordinarji fit-traduzzjoni mill-Ingliż għall-Malti, ta' xeni, sitwazzjonijiet u termini.

Il-ktieb hu mfassal f'għamla Ingliża u kien jitlef mill-interess fost il-qarrejja Maltin kieku ma kienx tradott tajjeb; imma t-traduttur in-qeda b'sistema li rnexxiet ħafna biex bla ma jitbiegħed mill-oriġinal jagħti forma li tissodisfa lill-qarrejja Maltin. Ħafna paragrafi jew sen-tenzi ma setgħux jinqalbu fil-Malti idjomatku, iżda kienu mfissrin taj-jeb bl-ilsien tagħna.

'L hinn u 'l hawn wieħed jiltaqa' ma' xi żbalji li qatt ma jonqsu, iżda l-aktar li jolqot lill-qarrej huma l-Kap VII u l-Kap VIII li fil-bidu tagħhom huma ripetizzjoni ta' xulxin għalkemm mhux ripetizzjoni per-fetta. Dan aktarx ġej mill-fatt li t-traduttur kellu żewġ manuskritti li tħalltulu flimkien. Mill-bqija ta' min ifaħħar lill-P. Mintoff għal din il-biċċa xogħol li qabad, jiġifieri li jaqleb fil-Malti kotba magħrufin stran-ieri u hekk jagħti lill-qarrejja Maltin hjiel ta' l-opri barranin. Nittamaw li hu jibqa' sejjer f'din il-ħidma siewja tiegħu u li jkollu suċċess.

G.

—— o ——

## KOTBA LI RĊEVEJNA GĦAL-LIBRERIJA

**IR-RUŻARJU** — Lulju-Settembru, 1964 — Vol. XVI — No. 2.

**IR-RUŻARJU** — Ottubru-Diċembru, 1964 — Vol. XVI — Nos. 3 & 4.

**IR-RUŻARJU** — Jannar-Frar, 1965 — Vol. XVIII — No. 1.

**MA' ĠESÙ FL-AĦĦAR JUM TA' ĦAJTU** — Poema Bijografiku — Manuel Nicholas Borg. Tip — "Borghese" Melbourne, Australia — 1964.

## Library of Congress — Washington D.C., U.S.A.

**KITAB TABIQAT AL-SUFIYYA** — Al-Sulami — 1960.

**PRE-MUGHAL PERSIAN IN HINDUSTANI** — Shams u 'l Ulma Al-Haj.

**ELEMENTARY HEBREW** — E. LeLslie Carlson, A.M.Th.D. — 1956.

**MODERN PERSIAN** — John Mace — 1963.

**MODERN PERSIAN READER.** I Elementary.

**MODERN PERSIAN READER.** II. Intermediate.

**MODERN PERSIAN READER. III. Advanced** — 1964. By M. Farzan, M. Ali Jazayery, Herbert H. Paper, Mark J. Desden.

## WERREJ TAS-SENA 1964

**Abela, Rev. Ġużi**
*Isbaħ Minnha* ... faċċ. 5
*Riflessjoni* ... „ 111
*Nawfraġju* ... „ 111

**Agius, Mario**
Salvu Mifsud, ħabib kbir tal-Malti ... „ 113

**Apap, Kan. M. Anġ.**
*Lill-Mitħna tar-Riħ* ... „ 81

**Aquilina, Pawlu**
*Inti mifdija wkoll* ... „ 115

**Attard Montalto, Giuseppina**
Prexilla ... „ 36

**Azzopardi, Ġer.**
Carlucciello ... „ 79

**Borg, Ġorġ**
*Sena Ġdida* ... „ 75

**Borg Pantalleresco, Ġ., P.L.**
*Xewqat* ... „ 23

**Buttigieg, Anton, B.A., LL.D., M.P.**
*Meta Nqum* ... „ 5
*Epigrammi* ... „ 115

**Camilleri, Dun Frans**
*Id-Dielja* ... „ 12
*Allat tal-Ġebel* ... „ 45
*Iżjed mill-Għoli* ... „ 105

**Cardona, Ġużè, B.A. (Hons.)**
*Lill-Prof. Ġużè Galea fostna* ... „ 112

**Cremona, A., D.Lit.**
Meta l-Mara Tibqa' Tmieri ... 13, 48
Ma Nimitawx Iżżejjed ... „ 33
Monumenti f'Ġonna Pubbliċi ... „ 97

**Cremona, Patri Ġużeppi, O.F.M.**
*Dehra* ... „ 44
*Il-Mewt ta' Lakoonte* ... „ 76

**Degabriele, Rev. Norbert M., O.Carm.**
*Jiena* ... „ 55

**Dimech Debono, Ġużè**
Mikiel Anton Vassalli ... „ 77

**Editur**
Akkademja tal-Malti ... „ 3
Ftit tal-Kummenti ... „ 6
Patri Ġ. Meilak, S.J. ... „ 21
L-Indipendenza ... „ 65